**31 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Mark Laferla *noe*

*versus*

Saviour sive Sammy Attard

## Arbitraġġ - Forma - Nuqqas ta' Validita`

*Il-liġi trid tassikura li l-oġġett tal-kontroversja u l-adeżjoni tal-parti li l-kontroversja tkun riżoluta b'arbitraġġ, fost elementi oħra, jkunu jirriżultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe inċertezza.*

*Fil-każ odjern din il-kitba ma saritx u għalhekk, anke jekk l-istess appellant kien konsapevoli li ser isir arbitraġġ, il-kunsens u l-aċċettazzjoni tiegħu ma ngħatawx validament skond il-liġi.*

*Konsegwentement il-proċeduri kollha bl-arbitraġġ - inkluż il-*lodo *stess - ma jistgħux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant.*

Il-Qorti:-

Fit-23 ta' Ottubru, 1992 l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta li fis-27 ta' April, 1985 f'Santa Lucia, ġara inċident bejn il-karozza X-1494 tal-marka Morris Marina, proprjeta` tal-konvenut u misjuqa minn Pauline Williams u l-karozza H-7294, tal-marka Daihatsu, misjuqa minn Albert Ronayne;

Illi bħala konsegwenza ta' dana l-inċident il-vetturi in parola sofrew danni inġenti;

Illi l-imsemmija karozza X-1494 kienet assigurata ma' l-attur *nomine* taħt polza *comprehensive* iżda din il-polza ma kinitx tkopri l-inċident in parola għaliex is-sewwieqa ta' l-istess karozza, Pauline Williams kienet taħt eta' preskritta mill-polza;

Illi ċjoe' nonostante u in vista ta' l-iżviluppi partikolari tal-każ, l-attur *nomine* obbliga ruħu li jagħmel tajjeb għad-danni kkawżati mill-imsemmija Pauline Williams f'każ illi hija tinsab responsabbli għall-inċident in parola;

Illi fi skrittura tat-3 ta' Mejju, 1985 il-konvenut kien min-naħa tiegħu obbliga ruħu li jindennizza lill-attur *nomine* f'każ illi bl-operazzjoni ta' l-obbligu minnu assunt kif fuq spjegat, l-istess attur *nomine* jagħmel tajjeb għad-danni kkawżati mill-imsemmija Pauline Williams;

Illi bil-kunsens u l-konsapevolezza tal-konvenut, il-partijiet kollha nteressati kienu ddeċidew illi r-responsabbilta' ta' l-inċident kien jiddependi biss fuq l-importanza relattiva tat-triqat użati mis-sewwieqa fuq imsemmija b'mod illi, deċiż dan il-punt, l-utent tat-triq ta' *traffic importance* inferjuri kellu jitqies bħala responsabbli għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali;

Illi din il-kwistjoni ġiet sottomessa lill-arbitru, għad-deċiżjoni finali u vinkolanti tiegħu u dan bil-kunsens ta' l-istess konvenut;

Illi ġie deċiż mill-imsemmi arbitru li t-triq użata mis-sewwieq Ronayne hija ta' *traffic importance* superjuri u in vista ta' din il-

konklużjoni, u ta' l-obbligu minnu assunt, l-attur *nomine* ħallas is-somma ta' elf, mija tnejn u sebgħin lira u sebgħin ċenteżmi (Lm1172.70,0);

Illi meta ġie nterpellat jindennizza lill-attur *nomine* ai termini ta' l-obbligi tiegħu, fis-somma ta' Lm1172.70,0 rappreżentanti s-somma sborżjata mill-attur *nomine* biex jagħmel tajjeb għall-ħsarat kawżati minn Pauline Williams, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1172.70,0 lilu dovuti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mit-28 ta' Lulju, 1987 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi d-domanda attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi Pauline Williams ma hix responsabbli għad-danni in kwistjoni għaliex il-kolliżjoni in kwistjoni ma ġratx ħtija ta' l-istess Williams;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-istess konvenut;

Rat id-digriet tas-16 ta' Diċembru, 1988 li bih ġie nominat perit legali Dottor Philip Manduca bl-inkariku u fakoltajiet lilu mogħtija bl-istess digriet;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ippreżentata fis-26 ta' Lulju, 1990 li biha eccepixxa:

"Illi d-domandi attriċi għandhom jiġu miċħuda billi l-eċċipjent qatt ma aċċetta li ssir arbitraġġ iżda kellu jħallas biss jekk Pauline Williams tkun dikjarata responsabbli bil-Qorti";

Rat ir-relazzjoni peritali maħlufa fl-udjenza tad-9 ta' April, 1992;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Illi bir-rispett kollu għall-abbli perit legali, mhix legalment korretta s-sottomissjoni tiegħu li d-dispost tal-artikolu 970 (1) "ma jfissirx li l-partijiet ma jistgħux jiftiehmu li jsir arbitraġġ mingħajr ma jiktbu li ftehmu dwar dan". Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjoni in diżamina hija li l-att ta' arbitraġġ irid isir bil-miktub;

*Omissis*;

Effettivament, fil-fehma tal-Qorti, il-ftehim bejn il-partijiet interessati kien li skond l-opinjoni li jagħti Dottor Busuttil dwar l-importanza relattiva tat-toroq użati mis-sewwieqa nvoluti fil-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni tkun tiddependi r-responsabbilta` ta' l-inċident. Għalhekk, il-partijiet interessati kienu ddeċidew huma stess x'kien il-kriterju li bih kellha tiġi stabbilita r-responsabbilta`

u qablu li kellhom joqogħdu fuq l-opinjoni ta' Dottor Busuttil dwar l-importanza tat-toroq;

Jiġi rilevat li l-iskrittura tat-3 ta' Mejju, 1985, Dok. CG4 iffirmata mill-konvenut favur is-soċjeta` attriċi ma ssemmix li r-responsabbilta` għall-inċident trid tiġi deċiża mill-Qorti;

Illi, għalhekk, jirriżulta sodisfaċentement pruvat li l-konvenut kien aċċetta l-mezz li bih kellu jiġi stabbilit min kellu tort fil-kolliżjoni li ma kienx *stricto jure* permezz ta' l-arbitru, u li konsegwentement, il-konvenut huwa tenut jindennizza lis-soċjeta` attriċi a tenur ta' l-iskrittura tat-3 ta' Mejju, 1985 Dok. CG4;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tirrespinġi bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-konvenut ħassu aggravat b'din is-sentenza. Talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevokaha billi tilqa' l-eċċezzjonijiet u b'hekk tiċħad it-talba ta' l-attur;

L-appellat irrisponda li l-appell kellu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kellha tiġi kkonfermata;

Huwa utili li jiġu elenkati l-aktar fatti saljenti tal-kawża;

*Omissis*;

Is-sentenza appellata tat raġun lill-attur. Infatti, biha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u dan ġie kkundannat li jirrifondi din is-somma lill-attur;

L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant hu bażat fuq il-pretensjoni tiegħu li l-eċċezzjoni ulterjuri li ta, kien missha ġiet milqugħa mill-ewwel Onorabbli Qorti. Din l-eċċezzjoni tinsab a fol. 21 tal-proċess u biha l-konvenut eċċepixxa li huwa qatt ma aċċetta li jsir arbitraġġ iżda kellu jħallas biss jekk Pauline Williams tkun dikjarata responsabbli bil-qorti. L-appellant argumenta li la darba ma kienx hemm aċċettazzjoni bil-miktub bl-arbitraġġ (kif jesiġi l-artikolu 970(1) tal-Kapitolu 12) allura jsegwi li l-appellant qatt ma aċċetta li jsir l-arbitraġġ u dak li sar ma jorbtux;

Illi l-appellat irribatta din il-kontestazzjoni ta' l-appellant li l-arbitraġġ kien null, testwalment hekk:

"Fil-kuntest tal-kawża intavolata dan huwa irrilevanti għaliex il-bażi ta' l-azzjoni hija l-iskrittura tat-3 ta' Mejju, 1985 illi ma tiddistingwix kif u b'liema mod Laferla Insurance Services tinsab illi għandha tagħmel tajjeb għad-danni";

Illi għandu jiġi rilevat li l-provi ta' l-attur *nomine* fihom lakuna kbira minħabba l-fatt li l-iskrittura bejn l-attur u Ronayne ma ġietx esebita. L-iskrittura bejn il-kontendenti tat-3 ta' Mejju, 1985 tagħmel espressa referenza għal din l-iskrittura u huwa evidenti li bejn iż-żewġ skritturi hemm ness li huwa rilevantissimu għall-kawża odjerna. Issa hu ovvju wkoll li la darba l-partijiet kollha ntressati ma qablux li jittransiġu l-kwistjoni tar-responsabbilta` għall-kolliżjoni in kwistjoni, din id-disputa setgħet legalment tiġi determinata jew bl-intervent tal-Qorti jew bl-adozzjoni ta' arbitraġġ. Jekk l-attur *nomine* deherlu li kellu jissuġġerixxi jew jaċċetta li jsir arbitraġġ, huwa kellu dover li jara li din il-proċedura issir kollha kemm hi skond il-liġi;

Din il-Qorti, bħal l-ewwel Onorabbli Qorti, jidhrilha li l-ftehim li jsir arbitraġġ, inkluż l-inkariku b'*terms of reference* preċiżi kellhom isiru bil-forma skritta ai termini ta' l-artikolu 970 (1) tal-Kapitolu 12. Din hija formalita' neċessarja, proprju biex tevita li jqumu kwistjonijiet bħal ma qamu f'din il-kawża u ċjoe' (i) jekk il-kwistjoni tar-responsabbilta' tal-kolliżjoni kellhiex tiddependi **unikament** mir-relattiva importanza tat-toroq użati mis-sewwieqa involuti fiha, ad esklużjoni ta' fatturi oħra li setgħu kienu rilevanti, bħal ngħidu aħna l-qawwa tal-veloċita' tas-sewqan tas-sewwieq li jkollu d-dritta, u (ii) jekk din il-kwistjoni tar-responsabbilta' kellhiex tiġi determinata bi proċeduri fil-Qorti jew b'arbitraġġ;

Issa, fil-każ odjern, is-soċjeta' appellata meta ttrattat ma' Ronayne iddeċidit li tirriduċi l-meritu fi kliemha stess:

".... għal punt wieħed kritiku u ċjoe', l-importanza relattiva tat-toroq, u a skans ta' dewmien u spejjeż ġudizzjarji, iddeċidit illi din il-kwistjoni tiġi determinata b'arbitraġġ" (ara risposta ta' l-appellat);

Biex tiġġustifika ruħha għan-nuqqas ta' l-adozzjoni tal-forma skritta għall-ftehim ta' l-arbitraġġ, is-soċjeta' appellata kkummentat hekk:

"Issa jiġri kuljum fil-kummerċ ta' l-*Insurance* illi r-responsabbilta' għall-kolliżjoni tiġi trattata b'mod identiku u mingħajr formalitajiet iżjed. Għall-attur *nomine* il-ftehim, anke verbali, illi kien sejjer josserva l-ġudizzju ta' arbitru, huwa biżżejjed u qatt ma kien sejjer jersaq lura minn dan il-ftehim";

Fil-fehma tal-Qorti, dana l-atteġġjament ta' l-appellat

evidentement esponih għal riskju żejjed. L-appellat kien jaf li hu ried jagħti sodisfazzjon sħiħ lill-appellant, billi ultimament kien dak l-appellant li kellu jagħmel tajjeb għad-danni ta' Ronayne, jekk jinstab li Williams kellha tort għall-kolliżjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-appellat, biex jagħmel l-affarijiet sewwa u skond il-liġi, kien fid-dover li jinvolvi lill-apellant mhux sempliċement b'akkordju verbali biss (fiċ-ċitazzjoni l-attur jgħid li kollox sar bil-kunsens u bil-konsapevolezza tal-konvenut) iżda b'akkordju redott formalment bil-kitba a tenur ta' l-artikolu 970(1) sabiex ikun hemm rabta li tkun tista' tiġi sanċita mil-liġi, u mhux sempliċi rabta ċoff li tkun tista' faċilment tinħall mill-parti li tinqaras b'dak li jiġi deċiż fis-suppost lodo. Fil-każ odjern, l-appellant qiegħed jikkontesta l-allegazzjoni ta' l-appellat li hu ta il-kunsens tiegħu li jsir l-arbtiraġġ jew/u li dan isir bil-mod li sar;

Infatti bl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu l-appellant isostni li huwa qatt ma aċċetta li jsir arbitraġġ. Din il-Qorti jidhrilha li l-kwistjoni jekk l-appellant ikkonsentiex jew le li jsir l-arbitraġġ, ma tistax tiġi ridotta għal kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u ta' kredibilita` ta' xhieda. Huwa proprju għalhekk li l-liġi timponi l-obbligu li l-ftehim dwar arbitraġġ għandu jiġi redatt bil-miktub. Evidentement il-liġi trid tassikura li l-oġġett tal-kontroversja u l-adeżjoni tal-parti li l-kontroversja tiġi riżolta b'arbitraġġ, minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza. Fil-każ odjern din il-kitba ma saritx u għalhekk anke jekk stess l-appellant kien konsapevoli li ser isir arbitraġġ, il-kunsens u l-aċċettazzjoni tiegħu ma ngħatax validament skond il-liġi. Konsegwentement il-proċeduri kollha bl-arbitraġġ - inkluż il-*lodo* stess ma jistgħux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant. Għaldaqstant l-eċċezzjoni ulterjuri hija ġustifikata u qiegħda tintlaqa';

Kontrarjament għal dak li ssottometta l-appellat, din l-eċċezzjoni kienet ammissibbli fl-istadju li ngħatat għaliex il-konvenut, **sa mill-bidu nett tal-kawża** ikkontesta l-pretensjoni ta' l-appellat billi mill-ewwel irritjena li qatt ma aċċetta l-arbitraġġ u ried li l-kwistjoni tar-responsabbilta' tal-kolliżjoni tiġi deċiża mill-Qorti. Tant hu hekk, li dan il-punt ta' kontestazzjoni joħroġ ċarissimu mill-kontro-eżami ta' Charles Galea, li kien l-ewwel xhud ta' l-attur (ara fol. 95). L-eċċezzjoni ulterjuri sempliċement iffurmalizzat kontestazzjoni li l-appellant dejjem saħaq fuqha;

Illi ġaladarba l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni li l-proċeduri "arbitrali" msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni ma jorbtux lill-appellant, isegwi li l-pretensjoni ta' l-appellat, **kif impostata fl-att taċ-ċitazzjoni** ma tistax tintlaqa' billi hija ntempestiva f'dana l-istadju;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u prevja li tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri ta' l-appellant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda tirriserva lill-appellat kull dritt ieħor lilu spettanti skond il-liġi, *si et quatenus*;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a kariku ta' l-appellat Laferla.